**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 1 t' Ottubru, 2021**

**Talba Nru: 216/2021PM1**

**Elmo Insurance Limited (C3500)**

**Vs**

**Vanessa Camilleri (KI 424480(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju, 2021 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li t-Tribunal jikkundanna li l-konvenuta thallas is-somma ta' €528.80 rapprezentanti somma dovuta minnha lis-socjeta` attrici skont ftehim datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena 2019 li kopja tieghu tinsab ezebita in atti u dana bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ahhar pagament u cioe` 6 ta' Lulju, 2020 inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u kif ukoll tal-ittri ufficjali tas-17 t'Awwissu, 2018 u dik tal-11 ta' Marzu, 2019 u bl-ispejjez tal-prezenti kawza.

Ra l-konvenuta baqghet ma prezentatx risposta ghat-talba odjerna imma madanakollu dehret ghas-seduta tal-lum assistita mir-rapprezentanti legali taghha u waqt tali seduta irregistrat l-ammissjoni taghha ghat-talba kif dedotta u dana kif jinsab debitament verbalizzat u kif ukoll kif konfermat permezz tan-nota prezentata seduta stante.

Ra u sema' l-qari tan-nota t'ammissjoni tal-istess konvenuta prezentata waqt is-seduta tal-lum.

Ra li l-kawza baqghet postposta ghad-decizjoni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra l-ammissjoni inkundizzjonata tal-konvenuta ghat-talbiet kollha imressqin fil-konfront taghha mis-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni registrata mill-istess konvenuta, jilqa' t-talba attrici kif dedotta u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta`  attrici s-somma mitluba ta' hames mija u tmienja u ghoxrin euro u tmenin centezmi (€528.80) dovuta mill-istess konvenuta lis-socjeta` attrici ghar-ragunijiet inidikati fl-avviz tat-talba kif ammessa minnha stess u dana bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ahhar pagament u cioe` 6 ta' Lulju, 2020 inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u kif ukoll tal-ittri ufficjali tas-17 t'Awwissu, 2018 u dik tal-11 ta' Marzu, 2019 u bl-ispejjez tal-prezenti kawza kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**